TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Jesmond Seychell

vs

A.B.B.S. Ltd – BIGMAT

CCT 31/22/MM

Illum, 1 ta' Novembru, 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar l-1 ta' Marzu 2022 fejn talab is-somma ta' erba' mija u wieħed u sittin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 461.94) + extra glue, rappreżentanti prezz ta' bbq assembly inkluż delivery charge kif indikat f'invoice preżentata mat-talba tar-rikorrenti.
Illi s-soċjeta' intimata, minkejja li ġiet debitament notifikata baqgħet ma ppreżentat l-ebda risposta u lanqas dehret għas-seduti mħollija għall-provi tagħha.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kien xtara BBQ mingħand l-intimata tat-tip *built in* bl-aġġeġġ kollha li jmorru miegħu sabiex jiġi armat fosthom *glue* u *paint* u dan għas-somma komplessiva ta' Euro 461.94. Illi r-rikorrenti jisħaq li qatt ma uża dan il-BBQ ħlief l-ewwel darba, u dan skont l-istruzzjonijiet, stante li ma setgħax jużah iżjed wara li mill-ewwel beda joħorġulu *cracks*.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma għandux għalfejn ma jkunx konvint mil-provi ppreżentati mir-rikorrenti, liema provi ġew mhux biss ikkonfermati bil-ġurament tiegħu iżda saħansitra korraborati b'ritratti u *emails*.
Illi ċertament, in-nuqqas ta' interess min-naħa tal-intimata m'għandhux jaħti għalih r-rikorrenti.

Fir-rigward tat-ammont reklamat, dan it-Tribunal ser jistrieħ fuq l-*invoice* annessa fl-ammont ta' Euro 461.94 u dan minkejja ż-żieda tal-frażi '+ extra glue' stante li dan kien l-ammont likwidat u prvuat.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' erba' mija u wieħed u sittin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 461.94).

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru